

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.6875 – TenneT Offshore/Mitsubishi Corporation/TenneT Offshore 8)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 57/04)

1. Fid-19 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha Mitsubishi Corporation ("MC", il-Ġappun) u TenneT Offshore GmbH ("TOG", il-Ġermanja), proprjetà sħiħa ta' TenneT Holding B.V., jakk-wistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt fuq TenneT Offshore 8. Beteiligungsgesellschaft mbH ("HoldCo I", il-Ġermanja), permezz ta' xiri ta' ishma. TOG s'issa huwa l-uniku azzjonist tal-HoldCo I.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal MC: attivitajiet ġenerali ta' kummerċ f'diversi industrij, fosthom l-enerġija, il-metalli, il-makkinarju, il-kimika, l-ikel u prodotti ġenerali,
 - għal TOG: attiva fis-settur tat-trażmissjoni tal-elettriku offshore fil-Ġermanja.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jstgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jstgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6875 – TenneT Offshore/Mitsubishi Corporation/TenneT Offshore 8, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

(²) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").